# 39. Il-Kewkba tal-Maġi

Żmien ilu l-Missier Alla,
kif wasal il-Milied
ta’ Ibnu, kif kien xieraq,
lis-sema jżejjen ried.

U sawwar kewkba ġdida
bix-xuxa sa fuq l-għar,
li timla l-art u s-sema
tal-fidda u deheb bin-nar.

U leqqet dik ix-xuxa
bħat-triq li x-xemx fl-inżul
tinseġ fuq wiċċ il-baħar
bħad-deheb ta’ ħabel sbul.

Ma’ dik it-trejqa l-anġli
niżlu minn ġos-smewwiet,
u ħdejn il-Għar il-Maġi
waslu minn tliet saltniet.

Għadda l-Milied u ħtieġa
tal-Kewkba ma kienx hemm;
biżżejjed dawl il-qamar
fimkien ma’ dak tax-xemx.

Għalhekk il-Missier Alla
qabad debbus mill-kbar,
u kisser dik il-kewkba
fi frak u trietaq żgħar.

U niżlu dawk it-trietaq
mill-għoli bħal xrariet
tan-nar ta’ mortal qawwi,
li mela lis-smewwiet,

U tferrxu qalb l-għelieqi;
’mma kif messew mal-art
il-frak tad-deheb u l-fidda
inbidlu f’ħafna ward...

Narċis sabiħ tax-xitwa
magħmul minn sitt werqiet
tal-fidda u kus tad-deheb –
iż-żina tal-Milied.

Kif kienet sejra lura
minn Betlehem fuq il-ħmar
ratu l-Madonna u qalet:
"Kemm hu sabiħ dan-nwar!"

U b'id il-Bambin ċkejken
berkitu tliet darbiet,
u tagħtu l-fwieħa mqaddsa
li tfewwaħ lill-Milied.